MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 693/2005

**Peter Zammit (I.D. Card No. 94757 M)**

**Vs**

**Oliver Cini**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti erba' (4) skadenzi ta' erba' (4) pagamenti ta' mitt lira Maltin (Lm100) il-wahda li l-konvenut naqas li jhallas u dana skond skrittura privata datata 17 ta' Novembru, 2004.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba, ta' l-Ittri Bonarji u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u b'riserva cara

ghal kwalunkwe azzjoni ulterjuri kontra l-konvenut ghar-rimanenti pagamenti.

Ra li l-konvenut Oliver Cini, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Charmaine Zammit tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------